IT-TRIBUNAL TAL-BINI U L-KOSTRUZZJONI

Illum is-7 ta' Mejju, 2026

Rikors numru: BCT/04/2026 CV

Membri:

Avukat Christopher L. Vella L.L.B., Dip. Not., LL.D.(Melit.)
Perit Samuel Formosa B.E.&A.(Hons), M.Sc. Arch.(Lond), M.Sc.(Env.Pln.& Mgt.), A.&C.E.
Inġ. Johan A. Psaila B. Eng. (Hons.), Pg. Dipl. (Brunel)

Manwel Borg

Vs

L-Awtorita' tal-Bini u l-Kostruzzjoni

Ra li l-attur preżenta dan l-appell permezz ta' email fejn biha premetta u talab is-segwenti:

> *Dear Members of the Board,*
> *I hope this letter finds you well.*
> *I am writing to formally appeal your decision for refusal to my previous email regarding my application for a permanent license (MB8670). I understand the importance of adhering to the updated guidelines; however, I would like to present additional information that may warrant reconsideration of my case.*
> *As highlighted in my previous correspondence, I have been involved in the registered project (PA/08265/20) certified by Perit Malcolm Cachia since 2021. As of April 2024, I transitioned from a subcontractor to the main contractor on this project, effectively accumulating over three years of relevant experience in demolition and mini excavation works.*

While I understand the BCA's requirement for two certified projects or proof of extended experience, I would like to point out that my involvement in several other small-scale projects prior to April 2024 was substantial, albeit lacking formal certification due to the absence of previous regulatory requirements. These experiences have equipped me with the necessary skills and competencies essential for compliance with BCA standards.
Given that my current work is directly impacted by this refusal, I respectfully request the Board to consider the following option:

1. ***Issuance of a Temporary License**: An alternative solution could be the issuance of a temporary license, which would allow me to gain additional certified project experience and comply with the new regulations.*
   I am committed to adhering to the highest standards of practice and ensuring compliance with BCA regulations. I am prepared to provide any further documentation or details you may require to support my appeal.
   Thank you for taking the time to reconsider my situation. I appreciate your understanding and look forward to your favorable response.
   Yours sincerely,
   Manwel Borg

Ra r-risposta tal-Awtorita' intimata li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:

1. Illi l-Awtorità appellata qegħda umilment tissottometti li kwalunkwe deċiżjoni meħuda kienet in konformita' ma dak rikjest mil-liġi, u kwindi korretta f'kull aspett;

2. Illi qed jkun anness affidavit tal-uffiċjal tal-Awtorita, mmarkat bħala Dok BCA1 in sosten tad-deċiżjoni;

3. Illi skont dak preżentat huwa ċar li kien hemm ksur tar-regolamenti;

4. Għaldaqstant fuq dak suindikat, l-Awtorita' appellata qiegħda umilment titlob lil dan l-Onor. Tribunal sabiex tiċħad l-appell odjern;

5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ra l-verbali tas-seduti kollha li seħħew quddiem it-Tribunal.

Ra d-deposizzjonijiet tax-xhieda kollha li tressqu quddiem it-Tribunal.

Ra li l-partijiet iddikjaraw l-istadju tal-provi tagħhom magħluq.

Semgħa it-trattazzjonijiet finali tal-partijiet.

Ra li l-kawża tħalliet għall-llum għas-sentenza.

Ikkunsidra:

Dan l-appell huwa dwar deċiżjoni tal-Kumitat għall-Liċenzjar tal-Industrija tal-Kostruzzjoni li permezz tagħha ġiet rifjutata l-applikazzjoni tal-appellant sabiex jingħata l-liċenzja bħala Kuntrattur ai termini tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 623.09.

L-appellant jilmenta li r-rekwiżiti tal-liġi senjatament ir-rekwiżit ta' tlett snin esperjenza u referenza ta' numru ta' proġetti, hija rekwiżit li tagħmilha impossibli għal kuntratturi li m'għandhomx din l-esperjeza u in vista' ta' dan talab li jiġi applikat mekkaniżmu li permezz tiegħu tingħata liċenzja temporanja.

It-Tribunal jinnota li l-appellant ma preżenta ebda provi biex imeri d-deċiżjoni tal-Awtorita' intimata. In fatti lanqas ma jidher li qed imeri l-konklużjoni milħuqa u ċioe li ma jissodisfax ir-rekwiżiti neċessarji għall-liċenzja. Iżda l-argument tal-appellant huwa li l-liġi ma tippermettix li kuntratturi li m'għandhomx dik l-esperjenza ikunu jistgħu jottjenu l-liċenzja.

It-Tribunal ma huwiex il-forum kompetenti sabiex tiġi kkontestata liġi. Lanqas ma jista' t-Tribunal jivvinta proceduri, bħal ma hija liċenzja temporanja, li l-liġi ma tippermettix. It-Tribunal huwa mistenni li jiddeċiedi fil-parametri tal-liġi *in vigore* u ma hemmx lok li jiddevja minnha.

In vista' ta' dan, it-Tribunal ma jqisx li hemm lok li ivarja d-deċiżjoni tal-Awtorita' intimata.

Decide

Għaldaqstant it-Tribunal, in vista' tas-suespost qed jilqa' l-eċċezzjonijiet ~~tat-Tribunal~~ ta' l-Awtorita', jiċħad l-appell tal-appellant u konsegwentament jikkonferma d-deċiżjoni tal-Awtorita' appellata fil-konfront tal-appellant ta' nhar it-28 ta' Ottubru, 2025.

Dr Christopher L. Vella	**Perit Samuel Formosa**	**Inġ. Johan Psaila**
Chairperson	Membru	Membru